**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 4 ta' Lulju 2023**

**Rikors Kost. Nru. 258/2021 GM**

**Liam Debono ID 187301L ammess għall-patroċinju gratwit**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Liam Debono permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

Dan il-każ jirrigwarda żewġ lanjanzi dwar il-*fair hearing*.

1. **Proċeduri passati**.

   L-esponenti kien ingħata probation u sfortunatament wara ġie nvolut f’ inċident illi se jissemma' aktar tard fit-tieni parti ta' dawn il-proċeduri. Huwa spiċċa arrestat minħabba dak l-inċident u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li kienet tatu probation u tatu wkoll il-kundizzjonijiet tal-liberta’ proviżorja. Meta kien jinstab il-ħabs ġie mressaq il-qorti fuq l-inċident illi kien għamel ħoss kbir f'pajjiżna. Meta ġie ġudikat fuq l-ewwel waħda l-qorti ħasset li minħabba l-eta' tenera tal-imputat, rikorrenti odjern, kellha tapplika l-probation. Meta mbagħad kien hemm l-allegazzjoni tal-ksur tal-probation minħabba li huwa kkommetta reat fiż-żmien perjodu operattiva tal-istess probation spiċċa biex ġie kkundannat bħala reċidiv, bħala li kiser il-probation u bħala li kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja u ġie kkundannat għal ħames snin priġunerija, barra kundanni anċillari oħrajn.

   Meta ġie biex jeżerċita d-dritt li huwa fundamentali biex jagħmel appell huwa ma setax jagħmel dan għax fl-ewwel lok avukat li kien qabbad ma riedx ikompli jidhirlu u beda jirrifjuta jew inkella jittratjeni sabiex jagħtih ir-release u jkun jista' jqabbad lil ħaddieħor.

   Fis-seduta li kienet tikkonċerna l-ksur tal-probation u r-reati l-oħrajn li fuqhom illum l-esponenti qiegħed għaddej ħames snin ħabs ma setax jagħmel appell minn tali deċiżjoni. L-ebda avukat ma ried jidħol fuq l-avukat l-ieħor li ma riedx li kien qed jittratjeni biex jagħti r-rilaxx u lanqas kien hemm possibilta' b'xi mod li huwa jista' jużufruwixxi mid-dritt tiegħu sagrosant tal-appell. Huwa jiddependi fuq ommu anke stante l-eta' li għandu, illi din wara jumejn ġiet filfatt arrestata hi stess u għalhekk kien impossibbli għalih li b'xi mod jappella.

   Minn dak li jidher ukoll għalkemm kien deher ukoll bl-avukat tal-għajnuna legali kellu obbligu biss li jidher għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati imma ma kellu ebda awtorizzazzjoni li jipproċedi għall-appell.

   F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa ġie effettivament imċaħħad mid-dritt li jagħmel appell u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-liġi tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u preċiżament l-Artiklu 2 tal-Protokoll numru 7, id-dritt ta' appell f'materji penali.

   Għalhekk l-esponenti sofra tali leżjoni kif jista' jiġi ppruvat.

2. Minħabba l-proċeduri hawn fuq riferiti huwa filfatt ġie ġġudikat li għamel reat fil-kors taż-żmien operattiv tal-probation meta tali ġudizzju jista' jsir biss quddiem it-tribunal imparzjali u ndipendenti billi jinġiebu l-provi neċessarji. Il-Qorti wkoll trid tkun kompetenti li tiġġudika fuq tali reat.

   Filfatt l-esponenti qiegħed jitressaq għall-ġuri fuq l-akkużi ta' dan ir-reat. Għalhekk kien hemm ukoll vjolazzjoni tal-Artiklu 6 għar-raġunijiet kollha hawn espressi illi huwa ma kellux fair trial fil-kundanna li ngħatat lilu fuq ksur ta' probation, u dan għax iġib presunzjoni ta' ħtija flok ta' innoċenza.

## 3. Proċeduri Pendenti

L-esponenti qiegħed jistenna li jsir il-ġuri tiegħu u kuntrarjament għal dak illi tgħid il-Konvenzjoni Ewropea, Malta l-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali tista' tkun mhux biss meta l-każ ikun konkjuż imma anke in antiċipazzjoni li jkun se jinkiser dritt.

Dan għandu jingħad għaliex lanqas il-Qorti Ewropea stess ma hija konsistenti u f'kas li jirreferi għal Malta kienet aċċettat illi proċeduri pendenti l-każ partikulari kienu jistgħu jiġu kkontestati minħabba l-fairness. F'dak il-każ kienet ċaħdet mhux għax il-każ ma kienx konkjuż imma għar-raġuni li l-Qorti Kostituzzjonali Maltija kienet tat rimedju suffiċjenti.

Qed isir referenza għall-każ 6569/04, deċiżjoni fil-konfront ta' Malta.

L-esponenti għalkemm m'hemm l-ebda dikjarazzjoni uffiċjali, qed jiġi sottomess u ġie sottomess minħabba l-fatti partikulari tal-każ għall-bumbardament mill-istampa.

Kienet storja li għall-ġurnaliżmu jġib ċertu aptit ta' żvilupp ta' kummenti illi ma jieqfu bl-ebda mod. Mhux biss tal-ġurnalisti li jieħdu ħsieb imma saħansitra f'dawk li joffru l-possibilta' ta' kummenti online dawn kienu varji u jimplikaw lill-esponenti b'mod serjissimu.

Ġewwa l-Italja hemm il-proċedura li meta tkun kibret ċerta animożita' kontra imputat dan jiġi trasferit għall-ġuriżdizzjoni oħra. Dan mhux possibbli għal Malta, (Art 45 tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali Taljan) li jgħid : "1. In ogni stato e grado del processo di merito, quando gravi situazioni locali, tali da turbare lo svolgimento del processo e non altrimenti eliminabili, pregiudicano la libera determinazione delle persone che partecipano al processo ovvero la sicurezza o l'incolumita’ pubblica, o determinano motivi di legittimo sospetto, la Corte di cassazione, su richiesta motivata del procuratore generale presso la corte di appello o del pubblico ministero presso il giudice che procede o dell'imputato, rimette il processo ad altro giudice, designato a norma dell'articolo 11."

Pero' huwa daqstant importanti li fil-każ ta' Malta peress illi l-każ jispiċċa quddiem il-ġurija, li l-istess ġurati ma jkunux influwenzati negattivament b'dak li jkunu semgħu u qraw u b'ċertu insistenza.

Dan japplika speċjalment f'ċirkustanzi fejn qabel il-ġuri l-ġurnali u l-mezzi tax-xandir ikollhom preavviż liema każ se jsir u allura jagħmlu enfasi kbira fuq dak li jkun qiegħed li se jsir fi żmien qasir.

Ma jistax jingħad li l-ġurati ma jkunux influwenzati għaliex il-mezzi tax-xandir u l-ġurnali jkunu qegħdin ixandru u jippubblikaw biex jinfurmaw l-opinjoni pubblika, Fl-opinjoni pubblika hemm ukoll il-ġurati.

Inutli li mħallef ikun mgħallem kif iżomm ruħu 'l bogħod minn ċertu preġudizzji meta filfatt dawn ikunu jiġru kontra l-individwu b'dak il-mod li ssemma'.

Anke l-avukat sottoskritt qiegħed joqgħod attent li fuq is-sitwazzjoni billi jsemmi dettalji li aktar taqbeż fuqhom l-istampa u jkollha dritt tippubblikahom għaliex hija protetta bil-liġi tal-istampa ti apptikabbti llum. Kif kienet ukoll applikabbli qabel.

Id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni huwa suġġett ukoll għall-restrizzjonijiet li huma d-dritt ta' terżi u l-protezzjoni tagħhom. Fost dawn il-protezzjonijiet hemm id-dritt ta' proċess ġust (fair trial). Illi ma jistax ikollok fair trail meta jkun hemm ċirkustanzi ta' martellament kontinwu tal-inċident li bih qiegħed akkużat l-istess Liam Debono.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi diġa' kien hemm ksur tal-Artiklu 6 fil-konfront tiegħu u ksur tal-Artiklu 2 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għar-raġunijiet premessi u tagħtih rimedju effettiv, u danni morali.

(2) Tiddikjara preventivament li bis-sitwazzjoni li nħolqot l-esponenti huwa wisq probabbli li ma jkollux smigħ xieraq minħabba l-preġudizzju mibni kontra tiegħu u għal tali fini din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk il-provvedimenti oltre dawk imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti Ewropea hawn fuq ċitata ħalli miegħu ssir ġustizzja mingħajr ma jkun hemm preġudizzju minn qabel tar-rejita` tiegħu u dan ikun bi ksur tat-Artiktu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

Qabel xejn tajjeb li wieħed jirrimarka kemm ir-rikorrent kien vag dwar liema eżattament huma l-proċeduri kriminali li qiegħed jilmenta minnhom. Fir-rikors promotur jissemmew "proċeduri passati" u "Proċeduri pendenti" pero` mkien ma jgħid eżattament liema huma dawk il-proċeduri u lanqas jagħti ħjiel ta' x'inhu l-okkju tagħhom u meta ingħataw id-deċiżjonijiet in kwistjoni. Illi l-esponent qiegħed jassumi li meta rikorrent jitkellem dwar proċeduri passati qed jirreferi għal żewġ sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali datati 10 ta` Lulju 2018 u 21 ta' Ġunju 2019. Fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2019 ir-rikorrent instab ħati ta' diversi reati u ġie kkundannat komplessivament ħames snin priġunerija u multa ta` 11,000 ewro.

Esponenti jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet li huma mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. Dwar l-ewwel lanjanza l-esponent qiegħed jassumi li r-rikorrent qed jirreferi għal-proċeduri deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali fil-21 ta` Ġunju 2019 fl-***ismijiet Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri u Pierguido Saliba) vs Liam Debono***. B'din il-lanjanza l-esponent qiegħed iġib ħafna skużi għalfejn hu ma appellax minn dik is-sentenza. Ibda biex jekk ir-rikorrenti

m'appellax minn dik is-sentenza dan huwa nuqqas tiegħu u tiegħu biss. Faċli sentejn wara li ingħatat s-sentenza tiftaħ kawża kostituzzjonali u tallega numru ta' raġunijiet għalfejn ma sarx l-appell bit-tama li forsi dawn il-Qrati jemmnuk.

2. Jibqa' l-fatt li rikorrenti naqas milli juża rimedju ordinarju effettiv li tagħtih il-liġi u cioe` appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali datata 19 ta' Ġunju 2019. Ġaladarba l-ilment inevitabbilment jolqot is-siwi u l-legalita` ta' sentenza li inqagħtet kontra r-rikorrenti u ġaladarba r-rikorrenti ma appellax minn dik is-sentenza jirriżulta ċar li r-rikorrenti ma użax rimedju ordinarju effettiv u cioe` li jiġi intavolat appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta *stante* non-eżawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju.

3. Jekk ir-rikorrent m'appellax minħabba kwistjonijiet li kien hemm bejn l-avukati tiegħu dik hija xi ħaġa li jrid jaraha hu mal-avukati tiegħu u mhux jippretendi xi forma ta` rimedju mill-Istat. Li hu żgur hu li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tal-Istat. Il-jedd li jappella mis-sentenza ai termini tal-Kap 9 kien disponibbli fil-mument li r-rikorrent ingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati u allura dan huwa pjenament b'konformita` ma' dak li jesiġi l-artikolu 2 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenjoni Ewropea.

   Illi għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-jedd invokat.

4. It-tieni parti tal-ilment tar-rikorrent jidher li jirrigwarda allegazzjoni li r-rikorrent ġie espost għal nuqqas ta` smigħ xieraq minħabba li l-każ tiegħu ġie irrapurtat fuq il-mezzi tax-xandir. Anke dan l-ilment huwa infondat għal-diversi raġunijiet.

5. In linea preliminari jiġi eċċepit li peress il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti, l-azzjoni odjerna hija intempestiva in kwantu hija mibnija fuq allegat leżjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq liema dritt irid jiġi eżaminat fil-kuntest tal-proċess kriminali kollu fit-totalita` tiegħu.

6. L-**artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi żmien raġjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirriżulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-liġi skrupoložament. Għalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proċeduri jintużaw b'dan il-mod jikkostitwixxi użu ħażin ta' dina l-proċedura straordinarja.

7. Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita' tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-

smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

8. Sabiex jiġu applikati l-elementi tas-smigħ xieraq jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Ġenerali* deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

9. Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawża ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq. Anzi, jirriżulta li l-partijiet għandhom aċċess ugwali għall-Qorti, u kull parti għandha l-opportunita` li tressaq il-każ tagħha.

10. Għal dak li jirrigwarda dak li setgħa ġie irrapurtat fil-gazzetti lokali u fuq il-mezzi tax-xandir dwar il-każ tar-rikorrenti bir-rispett kollu l-kontenut tal-artikoli li setgħu ġew ippublikati mill-media jikkostitwixxu biss l-opinjoni tal-ġurnalisti li ppublikaw tali artikoli li lkoll huma indipendenti mill-Gvern. Dan qed jingħad biex jiġi enfasizzat il-fatt li l-ebda entita` governatttiva ma hija responsabbli għal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti. Jekk ir-rikorreni dehrlu illi xi ġurnalist kiser id-dritt tiegħu għall-preżunzjoni tal-innoċenza hu kellu l-opportunita` kollha li jqajjem din il-lanjanza quddiem il-Qorti ta` ġurisdizzjoni kriminali inkarigata biex tisma l-każ u imkien ma jsegwi illi l-Gvern huwa responsabbli għal dak li jinkiteb fil-media. Fi kwalunkwe każ is-soċjeta` in ġenerali għadha tkun informata meta jkun hemm investigazzjonijiet ta` reati serji li jwasslu sabiex persuna titressaq il-Qorti u dan għaliex huwa fl-interess tal-pubbliku li jkun konsapevoli ta` dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż tramite l-media.

11. Huwa manifest li l-Qorti adita biex tiddeċiedi l-każ kriminali tar-rikorrenti ser tiddeċiedi fuq il-ħtija o meno abbażi tal-provi li jkunu ġew prodotti anke għaliex ir-rikorrent huwa preżunt innoċenti sakemm il-ġurija tiddeċiedi diversament wara li tisima l-provi waqt il-ġuri u wara li tisma l-indirizz tal-Imħallef li ser jippresjedi l-ġuri.

12. Jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt Malti tal-proċedura kriminali li huma tali li jovvjaw għall kull perikolu ta` ntralċ ta` smigħ xieraq allegat mir-rikorrenti liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust. Illi anke l-fatt fih innifsu li l-Qorti Kriminali hija presjeduta minn Imħallef hija garanzija fiha nnifisha ta` indipendenza u imparzjalita` fis-sens illi l-Qorti jew tribunal li jisma' l-kawża huwa dejjem preżunt li qed jaġixxi b'imparzjalita` u indipendenza.

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent qiegħed jilmenta kemm minn proċeduri penali miftuħa kontrih fil-passat kif ukoll proċedura penali li għadha pendenti billi sejjer jiġi ċċelebrat ġuri.

Fir-rikors promotur ma jispeċifikax x'kienu l-proċeduri tal-passat. Jidher li qiegħed jirreferi għall-*Pulizija v Liam Debono* deċiża Mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fil-21 ta' Ġunju 2019. *Ex admissis* m'appellax mis-sentenza. Jallega li dan ġara għaliex l-avukat tal-fiduċja tiegħu li kien jippatroċinah la ried jappellalu u lanqas jagħtih ir-*release* biex ikun jista' jqabbad avukat ieħor. Jistqarr li ma ppruvax iqabbad avukat għall-għajnuna legali. Lanqas ipprova jinforma lill-Qorti tal-Appell Kriminali bid-diffikulta` li allegatament kellu.

Għalhekk ir-rikorrent naqas li juża' l-għodda proċedurali li tagħtih il-liġi ordinarja, u dan jagħti lok biex din il-Qorti tiddeklina li teżerċita l-potesta` tagħha għaliex kif issostni b'mod konsistenti hija Qorti *of last resort*. Huwa abbuż li issa daħal sewwa fil-prassi tal-foro tagħna li wieħed jgħaġġel u jiftaħ kawża kostituzzjonali bla ma l-ewwel jirrikorri għall-proċeduri taħt il-liġi normali. Abbuż serju li bbanalizża għal kollox il-proċess straordinarju quddiem il-Qrati bħala għassiesa tal-jeddijiet fundamentali u jwassal għal ħafna telf ta' żmien u enerġija prezzjużi b'detriment ta' ċittadini oħrajn li jkollhom kawżi

oħra quddiemhom. Dan apparti li l-Istat ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-aġir tal-avukat patroċinatur tar-rikorrent.

It-tieni lment huwa li l-pubbliċita` fil-medja tagħti lok li l-ġurati sejrin ikunu preġudikati kontrih. Ir-rikorrent ma ressaqx dan l-ilment quddiem il-Qorti penali, kif għandu kull dritt li jagħmel. Anke hawn ir-rikorrent m'użax l-għodda li tagħih il-liġi ordinarja.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-Avukat tal-Istat billi ai termini tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Art. 4(2) tal-Kap 319 tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha minħabba nuqqas ta' eżawriment tal-mezzi ordinarji ta' rimedju.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA